# Ir-Restawr tal-pittura fil-Knisja Parrokkjali



**Dr Franco Pellegrini**

Bl-għajnuna ta' Alla din is-sena tlestiet fażi oħra mix-xogħol tar-restawr tal-pittura tas-saqaf, xogħol il-pittur magħruf Giuseppe Cali`. Il-proċess biex wasalna f'dan l-istadju kien twil. Il-ħsieb, ix-xogħol u l-preparazzjonijiet meħtieġa biex inbeda dan ir-restawr ħadu ħafna żmien. Bħal ma tiftakru l-ewwel bżonn li kien hemm kien li tissewwa l-istruttura tal-knisja li minħabba fiha saret il-ħsara fil-pittura tas-saqaf. Wara kien imiss li jsir il-*waterproofing* tal-bejt. X'ħin tlesta dan kollu wieħed seta jibda l-proċess proprju biex jinbeda r-restawr. Ittieħdet id-deċiżjoni li l-ewwel fażi kella tkun ir-restawr tal-koppla u l-lanterna. Peress li konna nafu li x-xogħol kollu kien ser jieħu fit-tul, ġie deċiż li l-armar kollu tal-koppla jinxtara mill-parroċċa biex ikun jista jintuża fil-fażijiet ta' wara. Kienet deċiżjoni għaqlija, 'l għaliex fil-waqt li għax-xogħol tal-armar u żarmar tal-koppla il-parroċċa ħallset somma sostanzjali, fil-fażijiet li kien imiss l-armar sar mis-sagristan Aaron Cuschieri u voluntiera oħra li għamlu xogħol tajjeb ħafna u bla ħlas.

Ftit wara li tlesta r-restawr tal-koppla u tal-lanterna nbeda x-xogħol fuq il-pitturi tal-korsija u l-pittura ta' fuq il-bieb prinċipali tal-knisja. Dawn il-fażijiet ħadu żmien mhux ħażin għax kien hemm ħafna xogħol xi jsir, imma meta tlesta kollox stajna nieħdu pjaċir bir-riżultat li, flimkien mar-restwar tal-koppla, ta aspett ieħor lill-knisja. Dan kollu gie mżewwaq bid-dwal apposta biex il-pittura tkun tista tidher fi sbuħija kollha tagħha. Il-fażi li kien imiss kien ir-restawr tal-pittura tal-kor u l-affresk tal-apside li hu xogħol ta' Ignazio Carlo Cortis. Hawnhekk instabet problema, kif indikajt fl-artiklu tiegħi tas-sena l-oħra, peress li fir-restawr li kien sar żmien ilu minn Rafel Bonnici Cali` parti sostanzjali ġiet mibdula permezz ta' pittura fuq it-tila. Ir-restawratur irnexxielu jaqla din it-tila u jirrestawra l-pittura oriġinali ta' Giuseppe Cali`. Dan ix-xogħol ukoll tlesta b'wiċċ il-ġid. B'hekk il-pitturi kollha fil-parti ċentrali tal-knisja, mill-kor sal-bieb ta' barra, reġgħu ħadu l-ħajja.

Il-pittura ta' Giuseppe Cali` fil-kappellun, imsejjaħ tal-Kurċifiss, turi lil Kristu flimkien mad-dixxipli ta' Emmaws, waqt li l-apside, af-





fresk ta' Ignazio Carlo Cortis, li fuqu tidher il-firma tal-pittur u s-sena 1894, turi lil Kristu jidher lill-erwieħ fil-limbu. Fl-1948 kien sar ukoll restawr minn Rafel Bonnici Cali`. Ix-xogħol fuq dawn il-pitturi beda fl-aħħar ta' Jannar li għadda. It-tir kien li x-xogħol ikun kompletat sa' Mejju biex ikun hemm żmien biżżejjed biex jiżżarma l-armar, u l-pittura tinkixef qabel il-festa titulari. Dan fil-fatt seħħ.

Il-ħsarat li kien hemm f'din il-fażi kienu simili għal dawk tal-fażijiet preċedenti. Il-ħsara ewlenija kienet ġejja mill-umdita` kawżata mill-ilma li daħal mis-saqaf. Dan affettwa sew il-pittura kemm l-induratura. Din l-umdita` tikkawża tbajja u l-formazzjoni ta' kristalli tal-melħ wara li jinxef l-ilma. L-istess kristalli mbagħad joħolqu ħsarat oħra peress li fejn ikun



affettwat il-pittura tibda tinqala minn mal-ġebla u anki jaqgħu partijiet minnha. Anki l-verniċ li ġie użat oriġinarjament flimkien mat-trab u l-ħmieġ li ġie depożitat mal-medda taż-żmien irrenda l-pittura mdallma. Ta' min isemmi li l-istess ħsarat li nstabu fil-pittura ta' Cali` kienu preżenti fil-pittura ta' Cortis. Il-verniċ li issa ġie użat fir-restawr ma jisfarx u l-anqas joskura biż-żmien; għalhekk il-pittura tibqa tidher sabieħa u friska.



Hu maħsub li l-aħħar fażi li jmiss tar-restawr, fil-kappellun imsejjaħ tar-Rużarju, minn dak li jidher u minn dak li qalu nies midħla tar-restawr preċedenti, ser tippreżenta ħafna diffikultajiet. Dan għad irid jiġi stabbilit meta jsir eżami mill-qrib u akkurat tal-pittura. L-ispejjeż tar-restawr ta' din il-fażi jistgħu jkunu sostanzjali, imma l-poplu ta' Ħal Lija u l-benefatturi żgur li mhux ser jonqsu li jkomplu jagħtu l-għajnuna finanzjarja meħtieġa biex il-proġett jingħalaq kif jixraq. Grazzi kbira lil kull min qed jgħin f'dan ix-xogħol. Ġesu` Salvatur jkompli jbierek din il-ħidma tagħna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.